



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**B8-1111/2016**

29.9.2016

# **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa skont l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-programm ta' appoġġ għar-riformi u l-involviment tal-Istati Membri

**Dominique Martin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-programm ta' appoġġ għar-riformi u l-involviment tal-Istati Membri**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-programm ta' appoġġ għar-riformi huwa għajnuna teknika proposta lill-Istati Membri li japplikaw għaliha għand il-Kummissjoni;
- B. billi din l-għajnuna trid tiffaċilita l-implimentazzjoni tar-riformi strutturali rakkomandati fil-qafas tas-Semestru Ewropew u li fil-prinċipju tirrigwarda azzjonijiet li jippreżentaw valur miżjud Ewropew u jridu jippermettu li jsir użu, bl-aħjar sinerġija possibbli, mill-fondi ta' koeżjoni;
- C. billi dan il-mekkaniżmu jimmira essenzjalment li jirfed ir-riformi fl-oqsma tal-edukazzjoni, tal-protezzjoni soċjali u tas-saħħa;
- 1. Jesiġi li dan il-mekkaniżmu ma jsirx mezz li bih il-Kummissjoni timponi riformi li fir-realtà ma jkunux mixtieqa mill-Istati Membri.